

31991R3800

28.12.1991

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 357/10

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 3800/91
tat-23 ta' Diċembru 1991**

**li jemenda Regolament (KEE) Nru 3906/89 sabiex jestendi l-ghajjnuna ekonomika biex jinkludi pajjiżi oħra
ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant**

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 235 tiegħu;

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Billi l-Komunità u l-Istati Membri tagħha iddeċidew li jagħmlu sforz congiunt flimkien ma' ċerti pajjiżi terzi sabiex jimplimentaw miżuri maħsuba biex jassistu l-proċess ta' riforma ekonomika u soċjali fis-seħħ fil-Bulgarija, iċ-Ċekoslovakkja, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija u l-Jugoslavja; billi għal dan l-għan IR-REGOLAMENT (KEE) Nru 3906/89 ⁽³⁾, kif emendat b' Regolament (KEE) Nru 2698/90 ⁽⁴⁾, esiġa l-kundizzjonijiet għall-forniment ta' ghajjnuna ekonomika u umanitarja;

Billi r-rappreżentanti tal-Grupp ta' 24 qablu f' Settembru 1991 sabiex jestendu l-assistenza ekonomika lill-Albanija, l-Estonja, il-Litwanja u l-Latvja rispettivament;

Billi l-estenzjoni ta' l-għan tar-Regolament (KEE) Nru 3906/89 biex jinkludi dawk il-pajjiżi tikkostitwixxi mezz xieraq għall-implementazzjoni ta' l-impenni li daħlu għalihom;

Billi, barra minn hekk, il-kundizzjonijiet ta' din l-estensjoni jappartjenu għal dawn il-pajjiżi;

Billi l-unifikazzjoni tal-Ġermanja, miksuba fit-3 ta' Ottubru 1990, tfisser li d-dħul tar-"Repubblika Demokratika Ġermaniża" trid tit-ħassar mill-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 3906/89 li jelenka l-pajjiżi ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant li jikkwalifikaw għal ghajjnuna ekonomika,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Anness tar-REGOLAMENT (KEE) Nru 3906/89:

1. il-pajjiżi li ġejjin huma miżjuda:
"l-Albanija, l-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja;"
2. il-pajjiż li ġej huwa mħassar: Ir-Repubblika Demokratika Ġermaniża

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet ġurnata li ssegwi l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Ikun applikabbli fir-rigward ta' l-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja mill-1 ta' Jannar 1992.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-23 ta' Diċembru 1991.

Għall-Kunsill

Il-President

Y. VAN ROOY

⁽¹⁾ ĠU C 313, ta' l-4.12.1991, p. 13.

⁽²⁾ Opinjoni mogħtija fit-13 ta' Diċembru 1991 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽³⁾ ĠU L 375, tat-23.12.1989, p. 11.

⁽⁴⁾ ĠU L 257, tal-21.9.1990, p. 1.